# L-Għaqda Ex-Studenti Liċeo u l-Kappella ta' Sant' Anna

*minn George Cilia*



Wieħed min-neputijiet tiegħi għaddieli fuljett tal-Għaqda ex-studenti tal-Liċeo, huwa nnifsu membru ta' din l-Għaqda. Dan il-fuljett jittratta fuq il-Kappella ta' Sant'Anna li tinsab f'tarf tal-wita tal-Pwales f'San Pawl il-Baħar. Deherli li t-tagħrif interessanti f'dan il-fuljett għandu jogħġob lill-partitarji u devoti ta' Sant'Anna.

Jidher li sa mis-seklu 13, din il-Knisja kienet diġà teżisti. Filfatt kienet iddedikata lit-twelid tal-Madonna. Dan insibuh ukoll f'mapep antiki ta' Malta li juru l-Kappella bħala magħrufa tal-Vitorja. Il-Kappella infetħet u ngħalqet kemm 'il darba sa ġieli twaqqgħet u nbniet mill-ġdid saħansitra anki ġiet ipprofanata u vandalizzata meta s-suldati Franċiżi fl-1798 daħlu u qerdu l-kwadru titulari bil-bajjonetti. Wara li saret din il-ħsara, min kien jieħu ħsiebha qiegħed minnfloku kwadru ta' Sant'Anna u San Ġwakkin biex b'din il-ġrajja saret u baqgħet magħrufa bħala l-Kappella ta' Sant'Anna.

Aktar viċin żminijietna, il-Kappella waqgħet f'idejn xi nies li kienu joqogħdu fl-inħawi. Għal ħabta tas-snin 80, tfaċċa Patri Ugolino Xerri, Franġiskan Konventwali li kien iservi fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar li taħtha kienet taqa' l-Kappella msemmija. Dan il-Patri ħabrieki dam tmien snin jieħu ħsiebha sewwa, li beda jagħmel il-festa ta' Sant'Anna ta' kull sena f'din il-Kappella, ġimagħtejn qabel il-jum liturġiku tal-qaddisa biex ma taħbatx mal-festa tad-Duluri, il-Patruna ta' San Pawl il-Baħar. Għamel ukoll statwi tal-Madonna u ta' San Franġisk qrib il-Kappella, iżda ġara li l-Kapitlu Franġiskan bagħat lil Patri Ugolin band'oħra u l-Kappella reġgħet waqgħet fis-skiet, sakemm ġiet f'idejn l-Għaqda tal-Ex-Studenti Liċeo imsejħa ALPS fi-bidu tas-snin 2000.

Wara l-ftehim mal-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, l-Għaqda mill-ewwel ħadet l-inizjatti-



va billi għamlet spezzjoni tal-kundizzjoni tal-Kappella u programm għar-restawr li kien jeħtieġ. Ix-xogħol qajjem entużjażmu kbir fost il-membri tal-Kunsill tal-Għaqda biex il-Kappella ta' Sant'Anna tiġi restawrata għall-glorja li kellha darba. Fiż-żmien, il-Knisja kellha saqaf troll li kien jitla' mal-gwarniċun li jdur mal-Kappella kif għadna naraw fis-sagristija li hemm maġenb il-Knisja. Dan kien inbidel u sar ċatt tal-konkos, saru plieri mal-ġenb tal-Knisja biex isostnuha. Il-Kunsill tal-amministrazzjoni tal-Għaqda tkellem ma' xi espert tar-restawr dwar xi tiswijiet li hemm meħtieġ isir u dlonk dawn daħlu għax-xogħol tal-waterproofing tal-bejt u ċangatura ġdida tal-franka. L-istatwi ta' Sant'Anna, San Ġwakkin u ċ-ċkejkna Marija ġew restawrati minn artist magħruf li żidilhom xi tiżjin tad-deheb. Fit-tmiem tar-restawr, fil-Kappella nkixfet lapida li tfakkar din il-ġrajja.

Il-binja tal-Kappella hi sempliċi għall-aħħar, għandha pjanta kważi kwadra u faċċata mingħajr tiżjin ħlief għal gwarniċa fuq il-bieb, tieqa tonda u kampnar żgħir ħafna. Fuq il-faċċata għadna naraw l-irħam bil-kliem *Non Gode l'immunita Ecclesiastica.* Quddiem il-Knisja hemm ukoll zuntier żgħir li minnu tara veduta sabiħa ħafna tal-għelieqi tal-Pwales. Nidħlu ġewwa l-Knisja fejn insibu artal wieħed li fuqu hemm kurċifiss modern. Quddiem l-artal li hu tarġa ogħla mill-bqija tal-Kappella hemm artal mejda. Il-kwadru li hemm illum ta' Sant'Anna huwa xogħol ta' Don Giuseppe di Stefano li sar fl-1860 fejn dan jirrappreżenta lil Sant'Anna u lil San Ġwakkin jgħallmu lit-tfajla Marija. Dan il-kwadru qiegħed fil-ġenb tal-Kappella. Hemm ukoll Via Sagra moderna.

Illum din il-Kappella tinsab fi stat tajjeb ħafna u fiha kull sena jsiru tliet attivitajiet ewlenin mill-Għaqda. Dawn huma l-festa ta' Sant'Anna, b'attendenza numeruża fosthom dawk li jgħixu fil-Pwales u membri u ħbieb tal-Għaqda. Attività oħra hija l-festa liturġika ta' San Ġorġ Preca fid-9 ta' Mejju għax dan hu l-qaddis Patrun tal-Għaqda. Fix-xahar ta' Novembru ssir quddiesa għall-erwieħ tal-membri mejtin, studenti jew għalliema tal-Liċeo kif ukoll qraba tan-nies tal-Pwales.

L-Għaqda ex-Studenti Liċeo hija kuntenta għall-aħħar li rnexxielha ġġib il-Kappella fil-kundizzjoni tajba li hi llum. Il-ħeġġa tal-membri għall-Kappella Sant'Anna ma naqas xejn minn dak tas-sena 2000. Nistħajjel li l-membri tal-Każin Banda Sant'Anna jħossuhom kburin b'din id-devozzjoni dejjem tinxtered u tiżdied fil-popolorità tagħha mal-gżejjer Maltin u Għawdxin, lejn il-Patruna ta' Wied il-Għajn. Jien u l-familja tiegħi niftakruh sewwa lil Patri Ugolin meta fil-passiġġati ta' nhar ta' Ħadd wara nosfinhar, konna niġbduha lejn il-Pwales, niltaqgħu miegħu u nitkellmu fuq l-andament tal-Kappella flimkien mal-progress li jixtieq jara f'dawk l-inħawi billi l-abitanti dejjem qed jiżdiedu.